MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 49/2019 LM

**Carmel Busuttil (K.I. 626956M)**
*(l-appellat)*

***vs.***

**Bezzina Maritime Services Limited**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta, hawnhekk "l-appellanta", **Bezzina Maritime Services Limited**, mid-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Mejju, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal

iddeċieda illi t-tkeċċija tar-rikorrent, hawnhekk "l-appellat" **Carmel Busuttil** mill-impjieg mas-soċjetà konvenuta ma kinitx waħda ġusta u konsegwentement:

> *"Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx waħda ġusta.*
>
> *Skont il-provi li tressqu, ir-rikorrenti kien ilu impjegat mal-kumpannija għal kważi tnax-il sena u kien viċin l-età tal-irtirar meta huwa tkeċċa u ċertament ma kinitx faċli għalih illi jsib xogħol fil-qasam tiegħu.*
>
> *F'dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' €30,000, liema ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni."*

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur **Carmel Busuttil** istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta fejn kien jaħdem fuq bażi *full-time* bħala *master/seaman* għal madwar tnax-il sena. Is-soċjetà konvenuta hija involuta fis-settur marittimu, u tagħmel xogħol bil-krejnijiet fuq il-baħar, kif ukoll xogħol ta' manutenzjoni ta' vapuri. L-impjieg tal-attur mas-soċjetà konvenuta ġie tterminat fl-24 ta' Mejju, 2013, u l-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali nbdew peress li l-attur ilmenta li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta kienet inġusta u konsegwentement jistħoqqlu il-ħlas ta' kumpens.

## **Mertu**

3. Quddiem it-Tribunal Industrijali l-attur qal li huwa kien ilu fl-impjieg mas-soċjetà konvenuta mill-24 ta' Settembru, 2001, fejn kien jaħdem bħala *seaman* jew *master* fuq diversi biċċiet tal-baħar li kellha s-soċjetà konvenuta. L-attur spjega kif għal diversi snin huwa kien jaħdem bħala kaptan tal-*hopper barge* bl-isem ta' Bezz II. L-attur qal li kellu esperjenza vasta f'dan ix-xogħol, tant hu hekk li kellu diversi opportunitajiet jaħdem anki barra minn Malta. L-attur spjega li għal diversi snin huwa ma kellux inċidenti jew kwistjonijiet fuq fuq il-post tax-xogħol, imma fi ftit ġimgħat kien involut f'żewġ inċidenti separati, li x'aktarx li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta. L-ewwel inċident seħħ fis-26 ta' Marzu, 2013, meta waqt li kien qiegħed isuq il-*hopper barge* Bezz II, sabiex jaqsam mill-port tal-Marsa għaċ-Ċirkewwa, induna li waħda mill-magni tal-*hopper barge* kienet intfiet, u wara kien meħtieġ li jinbidlu l-filtri tad-*diesel* ta' din il-magna. Dakinhar l-attur kien ġie akkużat li tellef il-ħin u l-flus lis-soċjetà konvenuta, u sussegwentement ġie mgħarraf ukoll permezz ta' ittra li jekk iħossu mhux kapaċi jew mhux komdu li jerfa' r-responsabbilità tax-xogħol li kien mitlub jagħmel, huwa kellu jinforma lill-*management* tal-kumpannija b'dan. L-attur qal li huwa ma ħassx li kellu jirrispondi għal din l-ittra, għaliex ma kien hemm l-ebda xogħol li kien jitqabbad jagħmel mis-soċjetà konvenuta li huwa ma kienx iħossu komdu jew kompetenti li jagħmel. Jirriżulta wkoll li minkejja li dakinhar li seħħ dan l-inċident, l-attur ġie akkużat li tellef il-ħin u l-flus lis-soċjetà konvenuta, meta reġa' rritorna lejn il-Marsa, kien ġie kkonstatat li l-filtri tal-

magna tal-*barge* li kien qiegħed isuq, tabilħaqq kellhom bżonn jinbidlu, għax kien ra x-xogħlijiet ta' tiswija meħtieġa jsiru quddiemu. Skont diversi xhieda prodotti mis-soċjetà konvenuta quddiem it-Tribunal, il-*barge* inkwistjoni ma kinitx tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni mis-soċjetà konvenuta u kien hemm drabi meta kien jitgħabba materjal fuqha sabiex jittieħed għad-*dumping* 'il barra mill-port u l-awtoritajiet tal-port kienu jirrimarkaw fuq il-fatt li din il-*barge* ma kinitx miżmuma f'kundizzjoni tajba, u kien hemm drabi meta ġie suġġerit saħansitra li din il-*barge* ma kelliex tintuża għax-xogħol li kien qiegħed isir biha. L-attur spjega wkoll li huwa kien involut f'inċident separat waqt li kien qiegħed jaħdem bħala *seaman* fuq it-*tug boat* jisimha 'Anni', meta huwa ntalab jitla' fuq barkun sabiex jgħin għadd ta' ħaddiema li kienu qegħdin iniżżlu katina ta' aktar minn 140 tunnellata fil-baħar. L-attur deherlu li x-xogħol ma kienx qiegħed isir b'mod li jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, u għalhekk irrifjuta li jitlaq mit-*tug boat* u jitla' jaħdem fuq il-barkun minn fejn kienet qiegħda tinħatt il-katina. L-attur qal li f'ħin minnhom din il-katina waqgħet il-baħar u kien biss b'xorti tajba li ħadd mill-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-barkun ma weġġa' jew tilef ħajtu. L-attur qal li sussegwentement, Ranier Bezzina, iben id-direttur tas-soċjetà konvenuta, kien mar fuq il-post b'għadd ta' elmi tas-sigurtà u beda jilmenta għax skont hu l-ħaddiema kienu qegħdin iġibu ruħhom b'mod li jikkomprometti l-vijabbilità tas-soċjetà konvenuta f'suq kompetittiv. L-attur qal li wara dan l-inċident, huwa kien intalab jirrapporta fl-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta, fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. L-attur qal li oriġinarjament huwa ġie sospiż mill-impjieg għal

perijodu ta' ġimgħa. Imbagħad fl-20 ta' Mejju 2013 huwa ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta kien qiegħed jintemm peress li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tiggarantilu xogħol kif xtaq hu. Fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta, l-attur ġie mgħarraf li huwa baqa' ma qalx lis-soċjetà konvenuta x'kien ix-xogħol li ma kienx iħossu komdu jagħmel. L-attur qal li tul is-snin huwa għamel xogħlijiet differenti li minnhom ibbenefikat is-soċjetà konvenuta. Qal li n-natura tax-xogħol titlob ċerta flessibilità mill-ħaddiema, u minkejja dan is-soċjetà konvenuta m'għamlitx ġustizzja miegħu meta tterminatlu l-impjieg. L-attur ilmenta wkoll mill-fatt li minkejja li s-soċjetà konvenuta daħħlet għadd ta' ħaddiema jaħdmu magħha wara li kien beda jaħdem hu, ir-regola tal-*last in first out* ma ġietx segwita meta s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li ma kellhiex xogħol li jgħodd għall-attur. Kien minħabba f'hekk li l-attur istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fejn talab li ssir ġustizzja miegħu billi jingħata kumpens għax-xogħol u l-introjtu li tilef f'perijodu f'ħajtu fejn ma kienx faċli għalih li jsib impjieg alternattiv minħabba fl-età tiegħu u fl-opportunitajiet limitati f'dan is-suq tax-xogħol partikolari.

4. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-attur kien impjegat magħha bħala *seaman,* u fiż-żmien meta r-rikorrent kien diġà impjegat mas-soċjetà konvenuta, dan kien intbagħat jagħmel għadd ta' korsijiet sabiex itejjeb il-prospetti tiegħu f'din il-linja ta' xogħol. Is-soċjetà konvenuta qalet li biex tibqa' kompetittiva hija tingaġġa numru żgħir ta' ħaddiema, iżda titlob li dawn ikunu flessibbli fix-xogħol li jagħmlu, u ċċitat istanzi fejn l-istess attur,

minkejja li kien jaħdem bħala kaptan fuq il-*barges,* kien anki jitqabbad jagħmel xogħol ta' żebgħa u manutenzjoni ta' rutina fuq l-inġenji tas-soċjetà konvenuta meta ma kienx ikun hemm xogħol għalih. Is-soċjetà konvenuta qalet li l-attur tkeċċa mill-impjieg tiegħu għaliex kellu attitudni negattiva u kien juri nuqqas ta' flessibilità fix-xogħol. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet li dakinhar li seħħ l-inċident abbord it-*tug boat* 'Anni', kien hemm xi periklu għall-ħaddiema tagħha fuq il-barkun, u l-ħaddiema kollha kienu qegħdin jaħdmu taħt id-direzzjoni tal-klijent 'Ableman/Mainticare'. Ranier Bezzina, iben id-direttur tas-soċjetà konvenuta, qal li huwa kien mar personalment biex jikkonsenja l-elmi tas-sigurtà lill-ħaddiema tal-kumpannija sabiex jassigura li dawn kellhom ilbies protettiv adegwat biex jaħdmu. Is-soċjetà konvenuta qalet li l-impjieg tal-attur ġie terminat għax dan ried jagħmel biss ix-xogħol li jogħġob lilu, u s-soċjetà konvenuta ma kellhiex xogħol biżżejjed biex l-attur jaħdem erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa.

5. Quddiem it-Tribunal xehed Ranier Bezzina, iben id-direttur tas-soċjetà konvenuta, li qal li l-attur kien ingaġġat mal-kumpannija tagħhom wara li din ħadet f'idejha t-tmexxija tal-kumpannija 'Kalaxlokk', li kienet kumpannija tal-Gvern. Ġie spjegat li l-attur kien isuq il-*hopper barge,* li fuqha jitgħabba materjal ta' kostruzzjoni li jkun ser jintrema, u li qabel isir ċertu xogħol, bħax-xogħol li sar fuq it-*tug boat* Anni, il-klijenta, Manticare, kienet għamlet għadd ta' laqgħat sabiex jiġi determinat l-aħjar mod kif kellu jsir ix-xogħol sabiex is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jiġu mħarsa. Dan ix-xhud spjega lit-Tribunal li s-soċjetà konvenuta taħdem f'settur kompetittiv ħafna, u bħala kumpannija

huma jitħabtu ħafna sabiex jattiraw ix-xogħol, u għalhekk jesiġu li l-ħaddiema tagħhom imiddu jdejhom għax-xogħol kollu li jkun hemm bżonn. Il-ħtieġa li l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta jkunu flessibbli f'xogħolhom ġiet enfasizzata wkoll minn David Musù, li huwa inkarigat mir-riżorsi umani tas-soċjetà konvenuta, li qal li huwa kien ittermina l-impjieg tal-attur għaliex dan irrifjuta li jagħmel ċertu xogħol. Dan ix-xhud qal li meta l-attur irrapporta li kellu ħsara fuq il-*hopper barge,* sussegwentement kien irriżulta li din kienet qiegħda tiffunzjona sew, u l-ilment tal-attur li l-*barge* kellha l-ħsara, sewa ħafna flus u telf ta' ħin għas-soċjetà konvenuta.

Xhud ieħor li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, Raymond Sant, xehed li l-attur kien kapaċi jagħmel ix-xogħol kollu li kien jitqabbad jagħmel, u meta l-attur kien joħroġ bil-*hopper barge* hu kien jagħmel dan bħala kaptan, u għalhekk kellu ċertu responsabbilitajiet u deċiżjonijiet li ried jieħu. Dan ix-xhud qal li dakinhar li l-attur ħareġ bil-*hopper barge* sabiex jipprova jaqsam bejn il-Marsa u ċ-Ċirkewwa, huwa kien issuġġerixxa lill-attur sabiex idur lura għall-port meta dan qallu li żviluppatlu ħsara f'waħda mill-magni, iżda id-deċiżjoni finali dwar jekk l-attur kellux jissogra l-vjaġġ jew le kienet tal-attur. Dan ix-xhud qal li għalkemm meta l-attur daħal lura l-port, kien inbidel il-filtru tal-*hopper barge,* l-inġinier tas-soċjetà konvenuta kkonferma li l-*barge* ma kellhiex ħsara fil-magna. Xhud ieħor, Felix Cutajar, xehed li kien huwa li biddel il-filtru tal-*hopper barge* wara li l-attur kien ilmenta li din kienet bil-ħsara, għalkemm qal li l-*barge* ma kellha xejn fil-magna. Tliet impjegati tas-soċjetà konvenuta li kienu fuq il-post dakinhar li seħħ l-inċident tal-katina, Eugenio Gambin, Lawrence

Vento u l-istess Felix Cutajar, ilkoll ikkonfermaw li huma kienu lmentaw mad-diretturi tas-soċjetà konvenuta għaliex xi ħaddiema kienu rrifjutaw li jmorru jassistu lil sħabhom. Eugenio Gambin ikkonferma li l-ħaddiema ta' fuq il-barkun ma kellhomx it-tagħmir protettiv kollu meħtieġ u għalhekk dawn ma setgħux jagħtu daqqa t'id, għalkemm ix-xhud Lawrence Vento qal li x-xogħol kollu relatat mat-tniżżil tal-katina, sar b'osservanza tar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Meta l-attur xehed quddiem it-Tribunal, dan qal li dakinhar li ġie tterminat l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta, huwa kien intalab imur jassisti fil-ħatt ta' katina li kellha tiġi ttestjata. Qal li dak il-ħin li kienet qiegħda titniżżel din il-katina, hu u l-kaptan tat-*tug boat* kienu qegħdin jirranġaw iċ-ċimi u huwa seta' jara li x-xogħol relatat mal-inżul ta' din il-katina ma kienx qiegħed isir konformi mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà. Qal li f'ħin minnhom tliet *links* ta' din il-katina tniżżlu aktar milli suppost, u din intelqet lejn il-baħar. L-attur spjega li wara dan l-inċident, Ranier Bezzina kien mar fuq il-post b'xi elmi tas-sigurtà f'idu, u waqt li beda jirrabja mal-ħaddiema u jallega li dawn ma ridux jaħdmu, qalilhom ukoll li min ma riedx jaħdem kellu jmur l-uffiċċju. Qal li meta huwa mar l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta, kien sab li t-*termination form* tiegħu kienet diġà lesta. Minkejja li xi jiem wara huwa kien ġie infurmat li kien qiegħed jiġi sospiż mix-xogħol għal perijodu ta' ġimgħa, xi ġranet wara huwa kien ġie infurmat li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta kien qiegħed jiġi tterminat għaliex is-soċjetà konvenuta ma kellhiex xogħol adattat għalih. Qal ukoll li sussegwentement huwa kien ingħata tnax-il ġimgħa *notice* u wara beda

jirreġistra għax-xogħol. Xhud ieħor Patrick Darmanin, li kien qiegħed fuq il-*hopper barge* mal-attur dakinhar li dan kien qiegħed jipprova jaqsam bejn iċ-Ċirkewwa u l-Marsa, qal li meta l-attur ġibidlu l-attenzjoni li aktarx kienet waqfet waħda mill-magni tal-*barge,* huwa kien ipprova jara l-problema x'kienet sabiex isewwiha, iżda kien sab li fuq il-*barge* ma kellux l-għodda meħtieġa biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Dan ix-xhud qal ukoll li wara dan l-inċident hu kien qala' *warning* mill-esponenti tas-soċjetà konvenuta talli kien tħassar il-vjaġġ. Xhud ieħor, Salvu Bugeja, li kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala kaptan, ukoll ikkonferma li x-xogħol mis-soċjetà konvenuta kien qiegħed isir b'inġenji li ma kinux fi stat tajjeb ta' tiswija, iżda s-soċjetà konvenuta xorta waħda kienet tippretendi li x-xogħol isir bl-użu ta' dawn l-inġenji. Dan ix-xhud ikkonferma li dakinhar tal-inċident tal-katina seta' jitlef ħajtu xi ħadd, u Ranier Bezzina minflok ma fehem is-sitwazzjoni x'kienet, beda jhedded lill-ħaddiema li kien ser ikeċċihom mill-impjieg. Dwar l-istat tal-inġenji li tagħmel użu minnhom is-soċjetà konvenuta fix-xogħol tagħha, xehed David Grech, li qal li kien hemm drabi meta ħaddiema tas-soċjetà konvenuta twaqqfu mill-uffiċjali tal-Valletta Port li kienu jgħidulhom li huma mhux suppost li kienu qegħdin joħorġu bil-barkun 'il barra mill-port minħabba li dan ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajba.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. It-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Il-kwistjoni in eżamina tikkonċerna relazzjoni lavorattiva pjuttost twila, ta' kważi tnax-il sena. Huwa fatt mhux kontestat li problemi mar-rikorrenti ma kienx hemm ħlief fl-aħħar ftit xhur qabel l-impjieg tiegħu ġie terminat.*

*L-ewwel inċident kien relatat ma' deċiżjoni li kien ħa r-rikorrenti fejn kien irrapporta xi ħsara fil-magna tal-*hopper barge *u hemmhekk kien irċieva l-ewwel ittra fejn intalab jinforma lill-kumpannija li ma jħossux kompetenti jew komdu li jerfa' r-responsabbilità. Fuq din il-kwistjoni tkellmu diversi xhieda fosthom l-*engine driver *li kien mar-rikorrenti waqt il-vjaġġ u l-mekkanik li eżamina l-*barge *wara li daħlet lura minn fuq il-baħar. Fatt ieħor li ħareġ ukoll ċar mix-xhieda, liema fatt ma ġiex ikkontestat, huwa li kaptan għandu responsabbilità assoluta mid-deċiżjonijiet illi jieħu huwa. Fatt mhux ikkontestat ukoll huwa li r-rikorrenti kien jagħmel xogħol ta' kaptan. F'din iċ-ċirkostanza r-rikorrenti kien ħa deċiżjoni illi jdur lura. Deċiżjoni li huwa deherlu li kienet l-aħjar fiċ-ċirkostanzi, sabiex la jipperikola lilu nnifsu jew lill-ħaddiema l-oħra u lanqas lill-barge. Il-kumpannija dehrilha illi din kienet deċiżjoni żbaljata u għaldaqstant ħarġet din l-ittra lir-rikorrenti. It-Tribunal hawnhekk jirrimarka illi jekk il-kumpannija ma kellhiex aktar fiduċja fir-rikorrenti u ħasset li ma kienx qed jagħmel xogħlu sew kellha tkun hija li tinfurmah b'dan u twiddbu formalment u tieħu l-passi li jkun hemm bżonn u mhux titfa' r-responsabbilità fuq il-ħaddiem sabiex jinforma lilha jekk mhux komdu aktar bix-xogħol! Ir-rikorrenti ma weġibx għal din l-ittra, għaliex ma ħassx li mhux inkompetenti jew li mhux komdu jerfa' r-responsabbilità, però qisu ġie insinwat li għamel ħażin li ma weġibx! Huwa ben risaput illi hemm distinzjoni bejn li tinħareġ twissija formali u li tinġibed l-attenzjoni ta' impjegat u hawnhekk it-Tribunal jirrimarka illi bl-ebda mod ma jqis illi l-ittra tal-1 ta' April 2013 kienet twissija formali.*

*Fir-rigward tal-inċident fejn spiċċa mkeċċi r-rikorrent tressqu diversi xhieda li qablu dwar x'kien ġara dakinhar. Ir-rikorrenti baqa' jinsisti illi x-xogħol kien qed isir ħażin u b'periklu u li għalhekk hu irrifjuta li jagħmel ix-xogħol u fil-fatt il-katina kienet waqgħet il-baħar. Is-Sur Bezzina qal lill-ħaddiema li min ma jridx jaħdem jitlaq ' l*

*hemm u s-Sur Bezzina stess ammetta illi kien għolla leħnu meta kien mar jgħid lill-ħaddiema sabiex imorru jgħinu lil sħabhom. It-Tribunal fehem illi kien hemm kommossjoni mhux ħażin u jifhem illi wieħed ikun skurmentat f'sitwazzjoni bħal din, però ma jistax jiġi aċċettat illi prinċipal jibqa' jinsisti illi ħaddiem jagħmel xogħol ta' periklu. It-Tribunal jifhem li kumpannija għandha tkun effiċjenti sabiex tibqa' kompetittiva fis-sitwazzjoni ekonomika tal-lum però xorta ma jistgħux jittieħdu riskji bis-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati. Apparti dan, it-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti tkeċċa b'mod sommarju mingħajr ma ingħata l-opportunità sabiex iressaq id-difiża tiegħu. Huwa diżappuntanti illi relazzjoni lavorattiva ta' kważi tnax-il sena tintemm b'dan il-mod, speċjalment meta problemi kbar mar-rikorrenti ma jidhirx li kien hemm (għalkemm il-kumpannija ppruvat tinsinwa li kien hemm, ma nġabu l-ebda provi sodisfaċenti li jippruvaw dan il-punt). It-Tribunal jifhem li jeżistu ċirkostanzi fejn tkeċċija sommarja tkun ġustifikata però ma jidhirlux li l-każ odjern kien jiġġustifika tkeċċija ta' dan it-tip. Meta r-rikorrent ilmenta għaliex kien ser jitkeċċa il-kumpannija infurmatu li ser jiġi sospiż u jiġi infurmat bid-deċiżjoni tagħha u fil-fatt huwa rċieva ittra tinformah illi l-impjieg tiegħu huwa tterminat. Żgur li wieħed ma jistax iqis li dan il-perijodu ta' sospensjoni kien ġust u skont il-ġustizzja naturali fil-konfront tar-rikorrenti meta dan ma għaddiex minn proċeduri dixxiplinarji msejsa fuq dawn il-prinċipji.*

*It-Tribunal jinnota wkoll li għalkemm fuq il-formola ta' terminazzjoni ta' impjieg kien hemm il-kaxxa li tgħid "Lack of Work/Redundant" il-kumpannija insistiet li hija kwalifikat dan bl-annotament ta' "Do not have suitable work for employee", allura l-kwistjoni ta' redundancy ommeno pjuttost ma ġietx diskussa fil-kawża. Fit-trattazzjoni finali tagħha l-kumpannija qalet li għażlet li timmarka l-kaxxa tar-redundancy mhux għaliex ir-rikorrenti kien tkeċċa abbażi ta' hekk però għaliex l-ETC insistew illi bilfors trid tiġi mmarkata kaxxa u sabiex tgħin lir-rikorrenti jħares id-drittijiet soċjali tiegħu meta dan imur japplika għas-servizzi u benefiċċji soċjali li dan ikun intitolat għalihom! Hija tal-mistħija illi kumpannija tipprova tgħatti xturha tagħmel dikjarazzjoni falza u tipprova tiġġustifika li għamlet hekk sabiex tgħin lir-rikorrenti.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*It-Tribunal ġiet mitlub jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-kumpannija tikkostitwixxix tkeċċija inġusta fit-termini tal-liġi.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f'dan il-proċess, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx waħda ġusta.*

*Skont il-provi li tressqu, ir-rikorrenti kien ilu impjegat mal-kumpannija għal kważi tnax-il sena u kien viċin l-età tal-irtirar meta huwa tkeċċa u ċertament ma kinitx faċli għalih illi jsib xogħol fil-qasam tiegħu.*

*F'dawn iċ-ċirkostanzi t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' €30,000, liema ammont irid jitħallas mill-kumpannija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## Ir-Rikors tal-Appell

7. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Mejju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-15 ta' Mejju 2019, fl-ismijiet* ***Carmel Busuttil vs Bezzina Maritime,*** *u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u tiddikjara li t-tkeċċija tal-appellat kienet għal raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi.*
>
> *B'dan illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-appellat."*

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex skont hi t-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-prinċipji ta' dritt rigwardanti t-tkeċċija ta' ħaddiem mill-post tax-xogħol, kif ukoll it-Tribunal ma kellux jagħmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri* tal-kumpens li għandu jitħallas lill-appellat, għaliex din il-likwidazzjoni hija nieqsa minn kull

motivazzjoni u mhix imsejsa fuq il-provvedimenti tal-liġi. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal fl-ebda waqt m'għamel apprezzament tal-prinċipji legali relattivi li jirregolaw it-tkeċċija ta' ħaddiem minn fuq il-post tax-xogħol, kif stabbiliti mill-Qorti tal-Appell tul is-snin. L-appellanta sostniet li minkejja li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-attur qatt ma kellu problemi mas-soċjetà konvenuta ħlief fl-aħħar ftit xhur qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, din il-konklużjoni hija waħda skorretta għaliex mill-istadju tal-eċċezzjonijiet mogħtija minnha hija sostniet li l-attur kellu attitudni negattiva lejn ix-xogħol u kellu wkoll episodji ta' nuqqas ta' lealtà kemm lejn il-kumpannija kif ukoll lejn sħabu tax-xogħol. L-appellanta qalet li kien hemm diversi episodji li fihom l-attur wera li ma kienx qiegħed jagħmel xogħlu skont il-livell mistenni minnu, partikolarment meta huwa kien ingaġġat biex jagħmel xogħol daqstant speċjalizzat. Kien għalhekk, sostniet is-soċjetà appellanta, li kienet inħasset il-ħtieġa li jintbagħtu żewġ ittri lill-appellat, fejn intalab jirrimedja s-sitwazzjoni li nħolqot minnu meta kien jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol mitlub minnu. Is-soċjetà appellanti sostniet li fost il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw it-tkeċċija, hemm li tkeċċija ma tistax tingħata bħala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiża gravi tant li meta wieħed iqis in-nuqqas tal-impjegat mal-ħsara li jista' jsofri l-prinċipal għal dan in-nuqqas, dan ixaqleb favur il-prinċipal. Is-soċjetà appellanta sostniet ukoll li t-tkeċċija ta' impjegat trid tkun imsejsa fuq fatti u imġiba li jinduċu għat-telf ta' fiduċja f'dak l-impjegat, u dan b'riferiment għall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport bejn il-prinċipal u l-impjegat, liema aspetti jinkludu l-pożizzjoni tal-impjegat fl-azjenda, l-intensità tal-allegata

kondotta kolpuża u ta' kull aspett ieħor korrelatat mar-rapport. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li għandu jkun hemm proporzjonalità bejn l-addebitu u s-sanzjoni imposta mill-prinċipal, u l-kastig jew il-provvediment dixxiplinarju jrid ikun proporzjonat mal-allegat nuqqas da parti tal-impjegat.

Is-soċjetà appellanta sostniet li f'dan il-każ jissussistu l-elementi kollha stabbiliti sabiex jista' jintqal li t-tkeċċija tal-attur kienet waħda ġusta. Intqal li l-attur kien ingaġġat bħala *seaman,* u dakinhar tat-13 ta' Mejju, 2013, huwa irrifjuta li jaħdem bħala baħħar meta ma riedx jinżel minn fuq it-*tug boat* biex imur iwettaq xogħol fuq il-barkun, u dan minkejja l-istruzzjonijiet li ngħata mill-prinċipal tiegħu sabiex imur jassisti lill-ħaddiema li kienu qegħdin iniżżlu katina minn fuq il-barkun. Is-soċjetà appellanti sostniet li dan in-nuqqas jammonta għal diżubbidjenza diretta min-naħa tal-appellat, u l-fatt li l-attur dakinhar ma kellux miegħu l-ilbies protettiv ipprovdut lilu, ukoll jammonta għal insubordinazzjoni. Is-soċjetà appellanta sostniet li tali diżubbidjenza u insubordinazzjoni jiswew ħafna fin-negozju tagħha, speċjalment meta din l-imġiba sseħħ quddiem terzi jew quddiem klijenti tal-istess soċjetà konvenuta, li jekk jaraw nuqqas ta' korrettezza jew flessibilità fil-ħaddiema tagħha, jistgħu jagħżlu li jieħdu n-negozju tagħhom xi mkien ieħor. Is-soċjetà appellanta sostniet li dawn in-nuqqasijiet tal-appellat kienu gravi u kienu jimmeritaw it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għal inċidenti oħra li ppreċedew l-inċident tat-13 ta' Mejju, 2013, fosthom meta l-attur kien iddeċieda li jirritorna lura lejn il-port waqt li kien qiegħed isuq il-*hopper barge.* Is-soċjetà appellanta sostniet li kienet din l-attitudni da parti tal-

attur li ħolqot dubju f'moħħ l-esponenti tas-soċjetà konvenuta dwar jekk l-attur għandux il-kompetenza, ir-rieda u l-ħeġġa meħtieġa biex jagħmel ix-xogħol mitlub minnu. Intqal li kienet din l-attitudni tal-appellat li wasslet għal telf ta' fiduċja tas-soċjetà konvenuta fih.

Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li quddiem ċirkostanzi fejn l-appellat kien qiegħed jiddetta n-natura tax-xogħol li ried jagħmel, hija ma kellha l-ebda triq oħra ħlief li tkeċċih mill-impjieg għaliex ħasset li ma kellha ebda rwol ieħor adattat għalih fl-istruttura tagħha. Is-soċjetà appellanta sostniet li l-fatt li t-Tribunal m'analizzax iċ-ċirkostanzi tal-każ fl-ambitu ta' dawn il-prinċipji ta' dritt, għandu jwassal biex din il-Qorti tiddeċiedi li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda monka peress li hija nieqsa minn ġustifikazzjoni xierqa.

It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa bbażat fuq il-fatt li t-Tribunal illikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-attur fl-ammont ta' tletin elf Euro (€30,000), u dan mingħajr mat-Tribunal indika fuq liema kriterji u aritmetika bbaża dan l-ammont. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-proċeduri li nżammu quddiem it-Tribunal, ma ġie ppreżentat l-ebda prospett jew prova dwar l-introjtu li kellu l-attur mas-soċjetà konvenuta, it-tul ta' żmien li dan għamel mingħajr impjieg, u jekk l-attur ippruvax isib impjieg alternattiv fil-qasam tiegħu. F'dan ir-rigward, sostniet is-soċjetà appellanta, it-Tribunal naqas milli jottempera ruħu mad-dispost tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, u ma kkonsidrax iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ meta b'mod arbitrarju wasal għas-somma ta' tletin

elf Euro (€30,000), mingħajr ma kkonsidra x'kien li wassal għat-tkeċċija tal-attur jew jekk l-attur kienx f'pożizzjoni li seta' jsib xogħol imħallas aħjar.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-attur appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u timmerita konferma. L-attur appellat sostna li sa fejn is-soċjetà appellanta qiegħda tħoss ruħha aggravata għaliex it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tal-prinċipji legali relattivi kif elaborati mill-Qorti tal-Appell tul is-snin, din qiegħda titlob lil din il-Qorti terġa' tgħarbel il-fatti kif seħħew u tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi prodotti, xi ħaġa li m'għandhiex issir f'dan l-istadju. L-attur sostna li l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal m'għandux jiġi ddisturbat, u sa fejn is-soċjetà appellanta qalet li ħasset ruħha aggravata għaliex it-Tribunal iddeċieda li bejn il-partijiet fil-kawża ma kienx hemm problemi għajr għal dawk li nqalgħu fl-aħħar ftit xhur qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur, is-soċjetà konvenuta naqset li ġġib provi li jippruvaw mod ieħor. Għall-kuntrarju, sostna l-appellat, mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal jirriżulta li kien hemm biss żewġ inċidenti fi spazju ta' ftit ġimgħat, u dan minkejja li l-appellat kien ilu impjegat mas-soċjetà konvenuta madwar tnax-il sena. L-appellat qal li għalhekk it-Tribunal għamel analiżi korretta tal-fatti li kellu quddiemu meta kkonsidra l-fatti kollha li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur. L-appellat sostna wkoll li ż-żewġ inċidenti inkwistjoni ma kellhomx iwasslu għat-tkeċċija tiegħu mill-post tax-xogħol, anki għaliex id-deċiżjoni li huwa jitkeċċa mill-impjieg ittieħdet minn Ranier Bezzina

f'mument ta' rabja. B'riferiment għaż-żewġ inċidenti li seħħew fl-aħħar ftit xhur qabel it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, l-attur appellat qal li meta huwa kien iddeċieda li jirritorna lura bil-*hopper barge* fil-port, huwa kien għamel dan għaliex kienet waqfet waħda mill-magni f'kundizzjonijiet ta' riħ qawwi. Qal li kien huwa waħdu li refa' r-responsabbilità għal din id-deċiżjoni, u fil-fatt kien irriżulta li kien hemm xi filtri tad-*diesel* li kellhom jinbidlu sabiex il-*barge* setgħet tiffunzjona sew. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta sostniet li dan l-inċident kien swielha telf ta' ħin u ta' flus, fil-verità huwa ma kienx ingħata xi forma ta' twissija wara li seħħ dan l-inċident, u kien ingħata biss ittra li permezz tagħha intalab jiddikjara jekk kienx iħossu komdu jew kompetenti li jerfa' r-responsabbilità fdata lilu. B'riferiment għat-tieni inċident, l-appellat qal li s-soċjetà konvenuta qiegħda ssostni li huwa kien diżubbidjenti lejn il-prinċipal tiegħu meta ma obdiex l-istruzzjonijiet mogħtija lilu u meta naqas milli joħroġ fuq il-lant tax-xogħol bl-ilbies protettiv mogħti lilu. L-appellat qal li s-soċjetà konvenuta mhijiex tkun veritiera mal-fatti kif ġraw meta tgħid li l-fatt li huwa ma kellux ilbies protettiv, kien jammonta għal insubordinazzjoni jew xi nuqqas min-naħa tal-appellat. Għaliex il-ġurnata ta' qabel seħħ l-inċident abbord it-*tug boat* Anni, l-appellat kien intbagħat jagħmel xogħol fuq sit ieħor, u peress li huwa kien mistenni li l-għada jkompli x-xogħol f'dak is-sit, kien ħalla l-ilbies protettiv tiegħu hemmhekk. L-appellat qal li dakinhar li seħħ l-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, huwa kien xogħol fuq it-*tug boat,* u meta ntalab imur jassisti lill-ħaddiema li kienu qegħdin iniżżlu l-katina, huwa ma marx għax ma kellux elmu protettiv, u

deherlu li x-xogħol ma kienx qiegħed isir skont is-sengħa u l-arti, u anki għaliex ma setax jabbanduna t-*tug boat.* L-appellat qal ukoll li xi żmien qabel huwa kien involut f'inċident waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol għas-soċjetà konvenuta fil-Libja, liema inċident kien ser jiswilu ħajtu, u minħabba f'hekk huwa kien aktar attent li ma jagħmilx xogħol li seta' jipperikolalu ħajtu jew saħħtu. L-appellat sostna li huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal ma setax jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda proporzjonata. L-attur qal li ma kienx jispetta lilu li jgħid lis-soċjetà appellanta li kien hemm xogħol li ma kienx komdu jagħmel, iżda s-soċjetà appellanta f'każ li dehrilha li kellha tagħmel hekk, setgħet toħroġ twissija formali lill-appellat. L-appellat qal li l-fatt li huwa tkellem dwar prattiki ħżiena tax-xogħol, jew dwar nuqqasijiet fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tiegħu, ma kellux iwassal għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, jew għal sitwazzjoni fejn is-soċjetà appellanta tgħid li kienet tilfet il-fiduċja fih.

B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jgħid li l-liġi ma tistabbilixxi l-ebda kriterji aritmetiċi dwar il-mod kif għandu jinħadem il-kumpens li jrid jitħallas lill-impjegat f'ċirkostanzi bħal dawn. L-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet imsejsa fuq il-fatt li dan qies li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta fil-liġi, peress li saret b'reazzjoni għall-fatt li huwa ġibed l-attenzjoni tal-prinċipal għal diversi nuqqasijiet fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll għaliex din it-tkeċċija saret b'reazzjoni jew bi tpattija, u mingħajr mhuwa ngħata l-ebda opportunità li jiddefendi ruħu. L-appellat qal li t-Tribunal ikkonsidra wkoll li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet deċiżjoni li

ttieħdet f'mument ta' rabja, u qies ukoll il-fatt li l-appellat baqa' ma sabx impjieg alternattiv wara t-tkeċċija tiegħu minn mas-soċjetà appellanta. L-appellat qal ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet imsejsa fuq il-premessa li l-appellat tilef l-impjieg tiegħu fl-età ta' disgħa u ħamsin (59) sena, u li x-xogħol li kien jagħmel l-appellat kien speċjalizzat ħafna, tant hu hekk li f'Malta huma verament ftit il-kumpanniji li jagħmlu l-istess tip ta' xogħol.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta flimkien mar-risposti mogħtija mill-appellat f'dan ir-rigward, u dan wara s-sentenza mogħtija mit-Tribunal.

*L-aggravju ewlieni: it-Tribunal għamel apprezzament skorrett tal-prinċipji ta' dritt rigwardanti t-tkeċċija ta' ħaddiem*

Is-soċjetà appellanta sostniet li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-fatti kollha tal-każ meta wasal għall-konklużjoni li għajr għaż-żewġ inċidenti li seħħew fl-aħħar ftit xhur qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat mas-soċjetà appellanta, ma kien hemm l-ebda problemi bejn il-partijiet, u dan fl-isfond tal-eċċezzjonijiet mogħtija minnha, fejn saħqet li l-appellat kellu attitudni negattiva lejn ix-xogħol u kien żleali kemm lejha kif ukoll lejn sħabu. Is-soċjetà appellanta qalet li kif jirriżulta mix-xhieda kemm ta' Ranier Bezzina kif ukoll ta' David Musu, kien hemm diversi episodji li jindikaw li

l-appellat ma kienx qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu skont il-livelli mistennija partikolarment f'qasam daqstant speċjalizzat bħalma hu dak li topera fih is-soċjetà appellanta.

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti jirriżulta li l-appellat kien involut f'żewġ inċidenti separati fl-aħħar ftit ġimgħat tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta, l-ewwel meta kien qiegħed isuq il-*hopper barge* mill-Marsa lejn iċ-Ċirkewwa f'sitwazzjoni fejn kien hemm il-maltemp fuq il-baħar u induna li waħda mill-magni tal-*barge* kienet waqfet taħdem jew ma kinitx qiegħda tiffunzjona kif suppost, u l-ieħor meta seħħ l-inċident tal-katina li kienet tiżen aktar minn tunnellata, u li kienet qiegħda titniżżel minn fuq barkun. Għajr għal dawn iż-żewġ inċidenti, u minkejja li s-soċjetà appellanta allegat li l-appellat kien żleali lejha u lejn sħabu, u li kellu attitudni negattiva lejn ix-xogħol, ma nġabet l-ebda prova li kien hemm xi episodju ieħor fejn is-soċjetà appellanta ħasset il-bżonn li kellha tattira l-attenzjoni tal-appellat minħabba f'xi nuqqas. Din il-Qorti tqis illi jekk kien hemm xi episodji bħal dawn, kien jinkombi fuq is-soċjetà appellanta li tressaq il-provi tagħha f'dan ir-rigward, li tipprovdi dettalji dwar dawn l-inċidenti, kif ukoll li telabora dwar il-mod kif bl-attitudni tiegħu l-appellat kien żleali lejha u lejn sħabu. Fin-nuqqas ta' provi ċari dwar l-allegati episodji jew inċidenti oħra li seta' kien involut fihom l-appellat, din il-Qorti sejra teżamina jekk l-imġiba tal-appellat fiż-żewġ inċidenti li seħħew ftit qabel ma tkeċċa mill-impjieg, kinitx waħda li timmerita tkeċċija għax tammonta għal diżubbidjenza u insubordinanza. L-ewwel inċident li kien involut fih l-appellat

meta kien qiegħed isuq il-*hopper barge* mill-Marsa lejn iċ-Ċirkewwa f'kundizzjonijiet tal-baħar ħżiena għax kien ir-riħ, u induna li kellu l-ħsara f'waħda mill-magni. L-appellat, li f'dak il-ħin kien il-kaptan tal-*hopper barge,* informa b'dan lill-persuna li kienet riekba miegħu, li min-naħa tiegħu pprova jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fuq is-sistema tal-filtri tal-*barge,* iżda ma kellux l-għodda meħtieġa biex jagħmel dan ix-xogħol. Wara li tkellem ma' wieħed mill-kollegi tiegħu li ssuġġerielu biex jirritorna lura lejn il-port, l-appellat iddeċieda li jirritorna lura lejn il-port sabiex jevita li jipperikola kemm l-istruttura tal-*hopper barge* kif ukoll ħajtu u ħajjet il-persuni li kienu rekbin miegħu. Dakinhar kemm l-appellat kif ukoll il-*mechanic* li pprova jsewwi l-*barge* kienu ġew imwiddba għax kienu swew ħafna flus u telf ta' ħin lis-soċjetà appellanta, partikolarment għax wara li kellu jinqala' l-inġinier minn daru sabiex imur jara jekk il-*hopper barge* kellhiex xi ħsarat kif allegat, kien ġie stabbilit li din ma kellha l-ebda ħsara. Minkejja dan, dakinhar kienet ittieħdet id-deċiżjoni li kellhom jinbidlu l-filtri tad-*diesel* tal-*barge*.

Il-Qorti tqis li fir-rwol tiegħu ta' kaptan, l-appellat kellu responsabbilità qawwija xi jġorr partikolarment fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar jekk kellux jirritorna lura lejn il-port inkella kellux jibqa' jbaħħar fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa. Tajjeb jew ħażin, quddiem ċirkostanzi fejn sab ruħu jbaħħar f'baħar imqalleb u bil-magna tal-*barge* mitfija, l-appellat iddeċieda li ma kellux ikompli jissogra bil-vjaġġ, u rritorna lura lejn il-port. Dik il-manuvra ġiet interpretata mis-soċjetà appellanta bħala waħda li wasslet għal telf ta' ħin u flus, partikolarment għaliex sussegwentement irriżulta li l-ħsara fil-*hopper barge*

ma kinitx serja daqskemm kien ħaseb l-appellat, u wara li nbidlu l-filtri tad-*diesel* tal-*barge* din kompliet taħdem. Il-Qorti qieset ukoll li kienu diversi x-xhieda li kkonfermaw li meta huma kienu joħorġu bil-*barge* 'l barra mill-port, l-awtoritajiet tal-port kienu jiġbdulhom l-attenzjoni għall-fatt li l-*barge* ma kinitx fi stat tajjeb u li strettament lanqas biss suppost li kienet qiegħda tintuża għal dak ix-xogħol. Minkejja li l-Qorti tifhem li kull kumpannija u azjenda li topera fi swieq kompetittivi, tipprova timmassimizza d-dħul tagħha, u tħabbrek biex tibqa' vijabbli u kompetittiva f'suq li kulma jmur aktar qiegħed isir aktar kompetittiv, min-naħa l-oħra mhuwiex aċċettabbli li l-ħaddiema jiġu mġiegħlin jibqgħu jaħdmu f'ċirkostanzi fejn ikun ċar li qegħdin ipoġġu ħajjithom u ħajjet sħabhom fil-periklu. Jista' jkun li dakinhar li seħħ dan l-inċident, l-appellat għamel żball fis-sens li *he erred on the side of caution,* però b'daqshekk ma jistax jintqal li l-attitudni tiegħu lejn ix-xogħol kienet waħda negattiva, jew li huwa ma riedx jaħdem, jew li ried jagħżel liema xogħol jagħmel, kif ġie allegat mis-soċjetà appellanta. Huwa evidenti li kieku ċ-ċirkostanzi kienu differenti, u kieku t-temp kien jippermetti, u l-appellat ma sabx ruħu f'diffikultajiet waqt li kien qiegħed ibaħħar, dan ma kienx ser jieħu d-deċiżjoni li jdur lura lejn il-port. Minn dak li rriżulta mill-provi, dan l-inċident kien wieħed iżolat, għaliex fl-ebda waqt tal-proċeduri ma nġabet l-iċken prova li dan kien xi inċident li rrepeta ruħu jew li l-appellat kellu inċidenti simili fil-passat. Ċertament li kien hemm drabi oħra fejn l-appellat serva bħala kaptan tal-*barge* f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena, u għandu jiġi enfasizzat li din il-*barge* xejn ma kienet miżmuma fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, iżda f'ċirkostanzi fejn ma kienx hemm il-periklu

addizzjonali li l-magna tal-*barge* waqfet jew ma baqgħetx tiffunzjona kif suppost. Il-Qorti tqis li b'daqshekk ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-attitudni tal-appellat lejn ix-xogħol kienet waħda negattiva jew żleali, għaliex jirriżulta ċar li d-deċiżjoni tiegħu dakinhar, li jirritorna lura lejn il-port, kienet immotivata minn tħassib dwar is-sigurtà tal-istruttura li kien qiegħed isuq u dwar il-ħarsien ta' saħħtu u ta' saħħet il-persuni li kienu rekbin miegħu fuq il-*barge* dakinhar.

B'riferiment għat-tieni inċident li kien involut fih l-appellat, li donnu kien ir-raġuni li wasslet għat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, meta l-appellat irrifjuta li jinżel minn fuq it-*tug boat* sabiex jassisti fl-inżul fl-ilma ta' katina li tiżen aktar minn tunnellata, l-appellant jgħid li huwa la ried jabbanduna t-*tug boat* li kienet tħalliet bil-magna mixgħula u lanqas ried jipparteċipa f'operazzjoni li kienet qiegħda ssir mingħajr ħarsien adegwat tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Jirriżulta li dakinhar l-appellat ma kellux fuqu l-ilbies protettiv ipprovdut lilu, għax il-ħsieb kien li jmur jaħdem fuq biċċa xogħol iċ-Ċirkewwa, iżda minflok dakinhar filgħodu kien intbagħat jaħdem mal-kaptan Salvu Bugeja fuq it-*tug boat* inkwistjoni. Il-Qorti kkonsidrat il-pożizzjoni li ħadet is-soċjetà appellanta, li fl-aggravji tagħha qalet li ma setgħetx tittollera sitwazzjoni fejn l-appellat u ħaddiema oħra li kienu fuq il-lant tax-xogħol miegħu dakinhar, jitħallew juru insubordinazzjoni jew nuqqas ta' kooperazzjoni quddiem il-klijenti tas-soċjetà appellanta, wara li s-soċjetà appellanta tkun tħabtet mhux ftit sabiex tattira n-negozju ta' dawk il-klijenti partikolari. Il-Qorti tqis illi mill-provi jirriżulta li dan ukoll kien inċident iżolat, għaliex is-soċjetà appellata ma

ċċitat l-ebda inċident ieħor simili fis-snin kollha li l-appellat kien ilu impjegat magħha. Tqis ukoll li r-raġuni mogħtija mill-appellat għad-deċiżjoni li jibqa' abbord it-*tugboat* minflok jassisti fl-inżul tal-katina fil-baħar, kienet immotivata mill-fatt li għal raġunijiet mhux imputabbli lilu, huwa kien sprovvist mill-ilbies protettivi li suppost jintlibes għal operazzjonijiet simili, kif ukoll għax il-mod kif kien qiegħed isir ix-xogħol biex titniżżel il-katina fl-ilma ma kienx jirrispetta ir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà. Fil-fatt jirriżulta li f'ħin minnhom din il-katina baqgħet nieżla fl-ilma waħedha, u kien biss b'xorti tajba li ħadd mill-ħaddiema involuti ma weġġa'. Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha, ir-reazzjoni ta' Ranier Bezzina, esponent tas-soċjetà appellanta, ma tistax titqies li kienet waħda proporzjonata jew ġustifikata, meta mill-provi jirriżulta li dan kien mar fuq is-sit sabiex iwassal l-ilbies protettiv u indirizza lill-ħaddiema b'ċerta rabja u qalilhom li kienu qegħdin 'jisħtu' x-xogħol li kellhom jagħmlu. Jekk l-attitudni tal-appellat u ta' sħabu quddiem il-klijenti tal-kumpannija ma kinitx waħda pożittiva, ċertament li lanqas ma jista' jintqal li r-reazzjoni ta' Ranier Bezzina kienet waħda meqjusa u li tħalli impressjoni tajba. Kien in segwitu għal dan l-inċident, li l-istess Ranier Bezzina talab lill-appellat u lil xi kollegi oħra tiegħu jmorru fl-uffiċċju tas-soċjetà appellanta fejn ingħataw l-ittra li kienet tinfurmahom li l-impjieg tagħhom kien qiegħed jiġi tterminat.

Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg ma kinitx waħda proporzjonata, partikolarment meta mill-provi ma jirriżulta li kienu ttieħdu l-ebda proċeduri dixxiplinarji oħra fil-konfront tiegħu matul is-snin. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta rreaġixxiet b'dan il-mod għax

tat aktar importanza lill-profitti u s-suċċess tan-negozju milli s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħha, u għalhekk il-Qorti ma tistax taċċetta dak li qalet is-soċjetà appellanta li l-miżura dixxiplinarja ta' tkeċċija tal-appellat mill-impjieg kienet waħda proporzjonata jew meħtieġa. Għall-kuntrarju, jirriżulta li din id-deċiżjoni kienet tali li ttieħdet mingħajr wisq ħsieb u f'mument ta' rabja, li fiċ-ċirkostanzi ma kinitx ġustifikata. Tqis għalhekk li dan l-aggravju m'għandux jiġi milqugħ u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *Kumpens* arbitrio boni viri *li mhuwiex imsejjes fuq il-provvedimenti tal-Kap. 452*

Is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li fil-likwidazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lil ħaddiem li jisfa mkeċċi inġustament mill-impjieg, it-Tribunal għandu jikkonsidra d-danni reali u t-telf li jsofri l-impjegat, inkluż l-età u s-snajja' tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg tiegħu mill-ġdid. F'dan il-każ it-Tribunal iddeċida li l-appellat għandu jirċievi ħlas fis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg mas-soċjetà appellanta. Il-Qorti tqis li din id-deċiżjoni kienet immotivata mill-fatt li t-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu kienet waħda pależament inġusta. Ma nġabet l-ebda prova quddiem it-Tribunal dwar it-telf reali li sofra l-appellat, jew dwar id-dħul tiegħu tul is-snin li huwa kien fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, għalkemm it-Tribunal ikkonsidra li l-appellat

kien ħaddiem speċjalizzat ħafna fil-ħiliet tiegħu, il-prospetti tax-xogħol tiegħu kienu limitati ħafna partikolarment minħabba li hawn Malta huma ftit ferm il-kumpanniji li għandhom l-istess linja ta' xogħol tas-soċjetà appellanta, apparti li fl-età ta' disgħa u ħamsin (59) sena il-prospetti tal-appellat li jsib impjieg alternattiv huma pjuttost limitati. Għalkemm quddiem it-Tribunal ma nġabet l-ebda prova tat-telf attwali soffert mill-appellat konsegwenza ta' din it-tkeċċija, għaliex ma nġabet l-ebda prova tad-dħul li kellu l-appellat mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellanta, din il-Qorti xorta hija tal-fehma li l-ammont likwidat bħala kumpens huwa wieħed xieraq u li jimmerita konferma, tenut kont tal-fatt li llum il-ġurnata xogħol speċjalizzat bħalma huwa dak li kien jagħmel l-attur jattira salarju li huwa ferm ogħla minn tletin elf Euro (€30,000) fis-sena, u l-appellat kien għad jonqsu tal-inqas tlieta, erba' snin oħra sabiex jilħaq l-età statutorja tal-irtirar. Għal dawn ir-raġunijiet tqis li dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat u għalhekk tiċħdu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-appell a karigu tas-soċjetà appellanta u l-ispejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mit-Tribunal.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**